# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.3

**Kap 8: Il-Komunità tagħna**

**Lezzjoni 8.3: Ġesù l-aqwa leader**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu r-rwol ta' mexxej tajjeb.
2. Jifhmu kemm jagħmel ġid mexxej tajjeb.
3. Jirrevedu kemm kien Ġesù kien mexxej tajjeb.
4. Jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ħajja tal-Ewwel Insara.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Clip qasir li juri l-miraklu tal-magħtub imfejjaq http://www.youtube.com/watch?v=ITdlz5WJgpY&list=PL898F9728C0120A4B (5:09 min – 7:26 min).
- Bibbja: Atti 2: 42-47
- Ktieb tal-Attivitajiet 8.3



**Naqsmu flimkien – L-ntroduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda billi tistaqsi lill-istudenti x'jagħmel mexxej tajjeb
- Fakkar x'ikun intqal fil-lezzjoni ta' qabel dwar Ġesù bħala r-Ragħaj .
- Staqsi għalfejn hu importanti li r-Rgħaj ikun tajjeb – kollox jimxi sew – ngħaġ ikunu iggwidati – jonqos il-ġlied.
- Staqsi lill-istudenti din il-mistoqsija: "Kif ħassewhom l-appostli mingħajr Ġesù?" – imħawda għax kienu weħidhom.......
- Staqsi wkoll: "X'għamlu hekk kif irċevew l-Ispirtu s-Santu?"

  (għinhom joħorġu b'dawn il-ħsibijiet: ħarġu jgħallmu, jfejqu, jagħmlu l-mirakli).
- Din id-diskussjoni sservi ta' reviżjoni tal-lezzjoni ta' qabel.



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**



- Spjega li l-Appostli setgħu jagħmlu dawn l-għeġubijiet bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li kien wiegħed Ġesù u kienu jafu jgħallmu għax Ġesù kien għallimhom sew u mexxihom sew. Hawnhekk jista' jintwera vidjow qasir ta' meta Pietru u Ġwanni fejqu lill-magħtub http://www.youtube.com/watch?v=ITdlz5WJgpY&list=PL898F9728C0120A4B (5:09 min – 7:26 min).
- Apparti minn hekk, l-Appostli bdew ikabbru l-Knisja għax meta kienu jgħallmu ħafna nies kienu jikkonvertu. Dawn in-nies kienu jissejħu 'l-Ewwel Insara'.

- Aqra mill-Bibbja Atti 2: 42-47 biex jitgħallmu x'kienu jagħmlu flimkien dawn l-Insara tal-bidu.
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 8.3 u wara li taqra s-silta mogħtija bħala klassi jaħdmu Attivita' A mis-silta li jkunu għadhom kif qraw.Risposti: 3-4-5-1-6-2
- Spjega Attività B (1) u oħloq diskussjoni jew fi gruppi jew fuq bażi ta' klassi.
- Aqra Attività B (2) – dawk kollu li huma mgħammdin.
- Introduċi Attività C u wara diskussjoni fakkar li lil Ġesù ma tistax twasslu llum u għada le! Lil Ġesù trid twasslu kuljum.
- Sabiex tingħata aktar importanza lil din l-Attività, l-għalliema tista' ssaqsi lill-istudenti biex jgħidu jekk irnexxielhomx iwettqu iwasslu lil Ġesù u kif għamlu dan. (jistgħu jkunu ppreparati minn qabel għal dan ħalli l-istudenti jkunu iktar motivati u anke biex iniżżluhom fi djarju u jġibuhom magħhom għal-lezzjoni tal-ġimgħa ta' wara).

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. L-imġiba tagħhom fil-grupp jgħin biex jgħinu lil min ikun jiddependi minn dan il-grupp.
2. L-Ewwel Insara kellhom lill-appostli biex jgħinuhom.
3. L-appostli kienu jgħinu sew għax kienu mgħallma mill-aqwa mgħallem.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



L-istudenti jgħinu lil xulxin biex bl-imġiba tajba tagħna nwasslu l-Ispirtu s-Santu lil ta' madwarhom.

## Nitolbu



Xi voluntiera joħorġu biex jgħidu talba relatata ma' din il-lezzjoni.